MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2011

Avviz Numru. 361/2007

**Borvier Holdings Limited (C 20494)**

**Vs**

**Etienne Bartolo u Muhaiyo Hodjayeva**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta' attrici talbet sabiex il-konvenuti jghidu il-ghaliex ma ghandhomx jkunu kkundannati li jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn u sitta u ghoxrin Liri Maltin u tnejn u sebghin centezmu (Lm2,026.72) rapprezentanti bilanc dovut minn ammont akbar, dovut ghal xogholijiet f'Apt 20, 'Villa Eugenie', 62, Mannarino Road, Birkirkara maghmula lill-konvenut fuq inkarigu taghhom stess u dana skond ftehim bejniethom u s-socjeta' attrici datat 16 ta Lulju 2003, kopja annessa mal-avviz u mmarkata Dok A, liema somma il-konvenuti gew inutilment interpellati sabiex ihallsu.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-Ittra ufficjali ai termini tal-Aritkolu 166 (A) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta datata 20 ta’ Gunju 2007 u bl-imghaxijiet kummercjali bir-rata ta’ tmienja fil-mija (8%) dekorribbli mid-data tad-dovut pagament sad-data tal-pagament effettiv, ai terminti ta’ l-artikolu 1141(1) tal-Kodici Civili, u bir-rizerva ta’ kull dritt fil-Ligi.

Il-konvenuti gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat l-imsemmi dokument markat Dok A a fol 2 sa fol 4 tal-atti.

Rat ir-risposta tal-konvenuti (fol 27 ibid) u li biha esponew bir-rispett:-

1. It-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess socjeta’ attrici u dan minhabba l-fatt illi dawn it-talbiet huma nfondati kemm bhala fatt u kemm bhala dritt.
2. Salv eccezzjonijet ulterjuri skond il-kaz.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 24, fol 28, fol 30, fol 31, fol 32, fol 65, fol 66 u fol 67.

Ikkunsidrat

Illi, kif jidher mill-verbali li ghalihom saret referenza fl-ahhar paragrafu, l-konvenuti, avolja nghataw diversi differimenti sabiex jispjegaw, f’aktar dettal, ir-raguni jew ragunijiet il-ghala l-ammont pretiz ma hux dovut kif hemm imnizzel fir-risposta tal-istess konvenuti dawn tal-ahhar naqsu milli jaghmlu dan u jottempraw ruhhom mal-ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat

Illi, da parti tas-socjeta’ attrici gie sottomess ‘affidavit’ ta’ Joseph Borg Olivier (fol 34 et seq ibid) u dan bhala azzjonist u direttur tas-socjeta’ attrici (fol 37 sa fol 63 ibid) spjega, anke permezz ta’ dokumenti, kif l-ammont pretiz

fl-avviz in esami kien u ghadu dovut oltre l-imghax legali dovut mill-20 ta' Gunju 2007, trattasi ta' dejn civili u mhux kummercjali.

Ikkunsidrat

Illi, minn  dak premess fil-qasir, jidher li l-ammont pretiz hu, filfatt, dovut.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex jhallsu lis-socjeta' attrici is-somma ta' Lm2026.72 ossija €4720.99 bl-imghax legali mill-20 ta' Gunju 2007 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l–ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-20 ta' Gunju 2007.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------